REGOLAMENT DELEGAT TAL-KUMMISSJONI (UE) 2022/2058

tat-28 ta' Frar 2022

li jissupplimenta r-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill fir-rigward tal-istandards tekniċi regolatorji dwar l-perijodi tal-likwidità għall-approċċ alternattiv ibbażat fuq il-mudelli interni, kif imsemmi fl-Artikolu 325bd(7)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ġunju 2013 dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u d-ditti tal-investiment u li jemenda r-Regolament (UE) Nru 648/2012 ([1]), u b'mod partikolari l-Artikolu 325bd(7), it-tielet subparagrafu, tiegħu,

Billi:

(1) Metodoloġija ġenerali għall-assoċjar ta' fattur ta' riskju ta' pożizzjoni ma' kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju għall-finijiet tal-Artikolu 325bd(1) tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 jenħtieġ li tippermetti lill-istituzzjonijiet jidentifikaw kategoriji wiesgħa tal-fatturi ta' riskju u subkategoriji wiesgħa tal-fatturi ta' riskju li jikkorrispondu mar-riskji inkorporati fil-fattur ta' riskju sabiex jiġi ddeterminat il-perijodu xieraq ta' likwidità tiegħu. Il-metodoloġija ġenerali jenħtieġ li tkun ġenerika biżżejjed biex tkun applikabbli għall-biċċa l-kbira tal-fatturi ta' riskju.

(2) Minħabba l-partikolaritajiet ta' ċerti fatturi ta' riskju, inklużi dawk li ma jaqgħu taħt l-ebda kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju fit-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, il-metodoloġija ġenerali tista' twassal għal eżiti differenti bejn l-istituzzjonijiet meta tiġi applikata għal dawk il-fatturi ta' riskju, u dan iwassal għal nuqqas ta' armonizzazzjoni u arbitraġġ regolatorju potenzjali. B'riżultat ta' dan, huwa meħtieġ li l-metodoloġija ġenerali tiġi kkomplimentata b'regoli speċifiċi.

(3) Volum għoli ta' fatturat medju ta' kuljum ta' derivattivi netti ta' rati tal-imgħax Barra l-Borża (Over The Counter - OTC) jirrappreżenta indikatur tajjeb tan-natura likwida tal-muniti sottostanti rispettivi tagħhom. Għalhekk huwa xieraq li jitqies dak l-indikatur tal-fatturat biex jiġi speċifikat liema muniti jenħtieġ li jikkostitwixxu s-subkategorija tal-aktar muniti likwidi tal-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju tar-rata tal-imgħax tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-Istħarriġ Triennali tal-Bank Ċentrali tal-Bank għall-Ħlasijiet Internazzjonali (Bank for International Settlements - BIS) tal-fatturat tad-derivattivi tar-rata tal-imgħax OTC ([2]) jikkostitwixxi sors affidabbli ta' statistika biex jiġi evalwat il-fatturat tad-derivattivi tar-rata tal-imgħax OTC skont l-istrument u skont il-munita. Għal dik ir-raġuni, u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-prattiki internazzjonali, huwa xieraq li jiġu kkunsidrati r-riżultati ta' dak l-istħarriġ għall-finijiet tal-ispeċifikazzjoni tal-muniti li jikkostitwixxu s-subkategorija tal-aktar muniti likwidi.

(4) Bl-istess mod, volum għoli ta' fatturat medju ta' kuljum ta' derivattivi netti tal-kambju OTC jirrappreżenta indikatur tajjeb tan-natura likwida tal-parijiet tal-muniti sottostanti rispettivi tagħhom. Għalhekk huwa xieraq li jitqies dak l-indikatur biex jiġi speċifikat liema parijiet ta' muniti jenħtieġ li jikkostitwixxu s-subkategorija tal-aktar parijiet ta' muniti likwidi tal-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju tar-rata tal-imgħax tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013. L-Istħarriġ Triennali tal-Bank Ċentrali tal-BIS dwar il-fatturat tad-derivattivi OTC tal-kambju ([3]) jikkostitwixxi sors affidabbli ta' statistika biex jiġi evalwat il-fatturat tad-derivattivi tal-kambju OTC skont l-istrument u skont il-munita. Għal dik ir-raġuni, u sabiex tiġi żgurata l-konsistenza mal-prattiki internazzjonali, huwa xieraq li jiġu kkunsidrati r-riżultati ta' dak l-istħarriġ għall-fini tal-ispeċifikazzjoni tal-parijiet ta' muniti li jikkostitwixxu s-subkategorija tal-aktar parijiet ta' muniti likwidi.

([1]) ĠU L 176, 27.6.2013, p. 1.

([2]) 'Interest rate derivatives market turnover in 2019', BIS Triennial Central Bank Survey 2019, Monetary and Economic Department

([3]) 'Global foreign exchange market turnover in 2019', BIS Triennial Central Bank Survey 2019, Monetary and Economic Department

(5) Minħabba d-diversità tas-swieq tal-ekwità fl-Unjoni, huwa meħtieġ li tiġi definita l-kapitalizzazzjoni tas-suq żgħira u kbira għall-finijiet tas-subkategorija tal-prezz tal-ekwità u tal-volatilità tal-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju tal-ekwità tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 abbażi ta' kombinazzjoni ta' limitu assolut u limitu relattiv. Minħabba l-ħtieġa ta' konsistenza mal-istandards regolatorji internazzjonali, huwa xieraq li l-limitu assolut jiġi bbażat fuq il-limitu stabbilit mill-Kumitat ta' Basel dwar is-Superviżjoni Bankarja ([4]). Minħabba li r-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1646 ([5]) jipprovdi lista ta' indiċijiet ewlenin ibbażati fuq il-likwidità tal-komponenti tal-indiċijiet, u minħabba li l-metodoloġija għall-istabbiliment ta' dik il-lista hija bbażata fuq il-kapitalizzazzjoni tas-suq u l-ishma liberi (free float), u bil-kundizzjoni ta' limitu minimu ta' likwidità, huwa xieraq li l-livell limitu relattiv jiġi stabbilit skont dak ir-Regolament ta' Implimentazzjoni. L-ekwitajiet fl-indiċijiet ewlenin elenkati fir-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646 li l-komponenti tagħhom huma kollha kkwotati fl-Unjoni, għalhekk jenħtieġ li jitqiesu bħala ekwitajiet b'kapitalizzazzjoni tas-suq kbira, filwaqt li l-ekwitajiet l-oħra kollha jenħtieġ li jitqiesu bħala ekwitajiet b'kapitalizzazzjoni tas-suq żgħira.

(6) Dan ir-Regolament huwa bbażat fuq l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji ppreżentat lill-Kummissjoni mill-Awtorità Bankarja Ewropea.

(7) L-Awtorità Bankarja Ewropea għamlet konsultazzjonijiet pubbliċi miftuħin dwar l-abbozz tal-istandards tekniċi regolatorji li fuqu huwa bbażat dan ir-Regolament, analizzat il-kostijiet u l-benefiċċji potenzjali relatati u talbet il-parir tal-Grupp tal-Partijiet Bankarji Interessati stabbilit skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ([6]),

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

KAPITOLU 1

Assoċjar tal-fatturi ta' riskju

Artikolu 1

Metodoloġija ġenerali

1. Meta jassoċjaw il-fatturi ta' riskju mal-kategoriji wiesgħa tal-fatturi ta' riskju tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw kull fattur ta' riskju fl-aktar kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju xierqa, filwaqt li jqisu n-natura tar-riskju kopert mill-fattur ta' riskju u d-*data* użata bħala inputs għall-fattur ta' riskju fil-mudell tal-kejl tar-riskju.

Meta jassoċjaw il-fatturi ta' riskju mas-subkategoriji wiesgħa tal-fatturi ta' riskju fil-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju ta' dik it-Tabella, l-istituzzjonijiet għandhom jassenjaw il-fattur ta' riskju fl-aktar subkategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju xierqa ta' dik il-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju, filwaqt li jqisu n-natura tar-riskju kopert mill-fattur ta' riskju u d-*data* użata bħala inputs għall-fattur ta' riskju fil-mudell tal-kejl tar-riskju.

2. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, meta n-natura tal-fattur ta' riskju ma tikkorrispondi mal-ebda kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, l-istituzzjonijiet għandhom jassoċjaw dak il-fattur ta' riskju mal-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju "Komodità" ta' dik it-Tabella u mas-subkategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju "Tipi oħra" ta' dik il-kategorija.

3. Għall-finijiet tal-paragrafu 1, għal fattur ta' riskju li jista' jiġi assoċjat ma' aktar minn kategorija wiesgħa waħda tal-fatturi ta' riskju jew ma' aktar minn subkategorija wiesgħa waħda tal-fatturi ta' riskju, l-istituzzjonijiet għandhom jidentifikaw dawk il-kategoriji korrispondenti u s-subkategoriji korrispondenti kollha.

([4]) Ir-Rekwiżiti kapitali minimi għar-riskju tas-suq, Jannar 2019 (rev. Frar 2019).

([5]) Ir-Regolament ta' Implimentazzjoni tal-Kummissjoni (UE) 2016/1646 tat-13 ta' Settembru 2016 li jistabbilixxi standards tekniċi ta' implimentazzjoni dwar indiċijiet ewlenin u boroż rikonoxxuti skont ir-Regolament (UE) Nru 575/2013 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-rekwiżiti prudenzjali għall-istituzzjonijiet ta' kreditu u ditti tal-investiment (ĠU L 245, 14.9.2016, p. 5).

([6]) Ir-Regolament (UE) Nru 1093/2010 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-24 ta' Novembru 2010 li jistabbilixxi Awtorità Superviżorja Ewropea (Awtorità Bankarja Ewropea), u li jemenda d-Deċiżjoni Nru 716/2009/KE u jħassar id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2009/78/KE (ĠU L 331, 15.12.2010, p. 12).

Fost dawk il-kategoriji wiesgħa ta' fatturi ta' riskju jew dawk is-subkategoriji wiesgħa tal-fatturi ta' riskju korrispondenti, il-fattur ta' riskju għandu jiġi assoċjat mal-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju u mas-subkategorija wiesgħa korrispondenti tal-fatturi ta' riskju li għandhom l-itwal perijodi ta' likwidità.

Meta aktar minn kategorija wiesgħa waħda tal-fatturi ta' riskju jew subkategorija wiesgħa korrispondenti tal-fatturi ta' riskju jkollhom l-istess l-itwal perijodi ta' likwidità, il-fattur ta' riskju jista' jiġi assoċjat ma' kwalunkwe waħda minn dawk il-kategoriji wiesgħa tal-fatturi ta' riskju u mas-subkategoriji wiesgħa korrispondenti tagħhom tal-fatturi ta' riskju.

Artikolu 2

Metodoloġija speċifika għal strumenti tal-indiċi omoġenji

1. Permezz ta' deroga mill-Artikolu 1, meta istituzzjoni tirrappreżenta pożizzjoni fi strument tal-indiċi omoġenji bħala fattur ta' riskju uniku fil-mudell tal-kejl tar-riskju tagħha, l-istituzzjoni tista' tagħżel li tassoċja l-fattur ta' riskju skont il-metodoloġija stabbilita fil-paragrafu 2.

Għall-finijiet ta' dan l-Artikolu, "indiċi omoġenju" għandha tfisser indiċi li għandu wieħed mill-kompożizzjonijiet li ġejjin:

(a) ekwitajiet jew indiċijiet oħra magħmula minn ekwitajiet biss;

(b) bonds jew indiċijiet oħra magħmula minn bonds biss;

(c) swaps ta' inadempjenza tal-kreditu jew indiċijiet oħra magħmula minn swaps ta' inadempjenza tal-kreditu biss;

(d) komoditajiet jew indiċijiet oħra magħmula minn komoditajiet biss.

2. Il-perijodu tal-likwidità ta' fattur ta' riskju wieħed li jimmudella strument ta' indiċi omoġenju kif imsemmi fil-paragrafu 1 jista' jiġi ddeterminat minn istituzzjoni kif ġej:

(a) l-istituzzjoni għandha tassoċja l-fattur ta' riskju mal-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 li tikkorrispondi mal-kategorija xierqa għall-kompożizzjoni tal-indiċi omoġenju;

(b) l-istituzzjoni għandha tapplika l-metodoloġija ġenerali stabbilita fl-Artikolu 1 b'mod separat għal kull wieħed mill-kostitwenti tal-indiċi omoġenju biex tiddetermina l-perijodi ta' likwidità xierqa tagħhom;

(c) l-istituzzjoni għandha tikkalkula l-medja ponderata tal-perijodi tal-likwidità ddeterminati skont il-punt (b) fuq il-bażi tal-ponderazzjoni rispettiva ta' kull kostitwent fl-indiċi;

(d) il-perijodu tal-likwidità tal-immudellar tal-fattur ta' riskju tal-istrument tal-indiċi omoġenju għandu jkun l-iqsar perijodu ta' likwidità tas-subkategoriji kostitwenti tal-indiċi li jkun ikbar jew daqs il-medja ponderata msemmija fil-punt (c).

Għall-finijiet tal-punt (a), fattur ta' riskju ta' strument ta' indiċi omoġenju li għandu l-kompożizzjoni msemmija fil-paragrafu 1, il-punti (b) u (c), għandu jiġi assoċjat mal-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju "Firxa tal-kreditu".

Artikolu 3

Metodoloġija speċifika għall-fatturi ta' riskju bażi tal-inflazzjon, tal-muniti singoli u ta' bejn il-muniti

1. B'deroga mill-Artikolu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jassoċjaw il-fatturi ta' riskju tal-inflazzjoni għal munita partikolari mal-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju "Rata tal-imgħax", u mas-subkategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju ta' dik il-munita.

2. B'deroga mill-Artikolu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jassoċjaw il-fatturi ta' riskju bażi ta' munita singola u l-fatturi ta' riskju bażi bejn il-muniti mal-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju "Rata tal-Imgħax", u mas-subkategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju tal-munita li tiddenomina l-bażi.

Artikolu 4

Metodoloġija speċifika għall-fatturi ta' riskju tar-repo u tad-dividendi

1. B'deroga mill-Artikolu 1, l-istituzzjonijiet għandhom jassoċjaw il-fatturi tar-riskju tar-rati repo tal-ekwità u tad-dividendi mal-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju "Ekwità".

2. B'deroga mill-Artikolu 1, għall-fini tad-determinazzjoni tas-subkategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju, il-fatturi tar-riskju tar-rati repo tal-ekwità u tad-dividendi għal ekwità partikolari għandhom jiġu ttrattati bħala fatturi ta' riskju li jikkorrispondu għall-volatilità ta' dik l-ekwità.

KAPITOLU 2

Determinazzjoni tas-subkategorija tal-muniti l-aktar likwidi, id-determinazzjoni tas-subkategorija tal-aktar parijiet ta' muniti likwidi u d-definizzjoni tas-subkategoriji tal-kapitalizzazzjoni tas-suq żgħira u kbira

Artikolu 5

Subkategorija tal-aktar muniti likwidi

Il-muniti li jikkostitwixxu s-subkategorija tal-aktar tal-muniti likwidi tal-kategorija wiesgħa tal-fattur ta' riskju tar-rata tal-imgħax tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom ikunu dawk elenkati fl-Anness I ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 6

Subkategorija-tal-aktar parijiet ta' muniti likwidi

Il-parijiet ta' muniti li jikkostitwixxu s-subkategorija tal-aktar parijiet ta' muniti likwidi tal-kategorija wiesgħa tal-fattur ta' riskju tal-kambju tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013 għandhom ikunu dawk elenkati fl-Anness II ta' dan ir-Regolament.

Artikolu 7

Definizzjoni ta' kapitalizzazzjoni tas-suq żgħira u kbira

1. Għall-finijiet tas-subkategorija tal-prezz tal-ekwità u tal-volatilità tal-kategorija wiesgħa tal-fatturi ta' riskju tal-ekwità tat-Tabella 2 tal-Artikolu 325bd tar-Regolament (UE) Nru 575/2013, ekwità b'kapitalizzazzjoni tas-suq kbira għandha tissodisfa mill-inqas waħda mill-kundizzjonijiet li ġejjin:

(a) il-kapitalizzazzjoni tas-suq tal-ekwità hija akbar minn EUR 1,75 biljun;

(b) l-ekwità hija inkluża f'wieħed mill-indiċijiet ewlenin stabbiliti fl-Anness I tar-Regolament ta' Implimentazzjoni (UE) 2016/1646 li l-komponenti tagħhom huma kollha kkwotati fl-Unjoni.

2. L-ekwitajiet l-oħra kollha għajr dawk imsemmija fil-paragrafu 1 għandhom jitqiesu bħala ekwitajiet b'kapitalizzazzjoni tas-suq żgħira.

Artikolu 8

Dħul fis-seħħ

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, it-28 ta' Frar 2022.

Għall-Kummissjoni
Il-President
Ursula VON DER LEYEN

ANNESS I

Lista tal-muniti l-aktar likwidi msemmija fl-Artikolu 5

— Euro (EUR);

— Dollaru Amerikan (USD);

— Lira Sterlina (GBP);

— Yen Ġappuniż (JPY);

— Dollaru Awstraljan (AUD);

— Krona Żvediża (SEK);

— Dollaru Kanadiż (CAD).

ANNESS II

Lista tal-parijiet ta' muniti msemmija fl-Artikolu 6

Għall-fini ta' dan l-Anness, jintużaw il-kodiċijiet li ġejjin relatati mal-muniti:

EUR (Euro), USD (Dollaru Amerikan), JPY (Yen Ġappuniż), GBP (Lira Sterlina), CHF (Frank Żvizzeru), CAD (Dollaru Kanadiż), MXN (Peso Messikan), CNY (Yuan Ċiniż), NZD (Dollaru tan-New Zealand), RUB (Rublu Russu), HKD (Dollaru ta' Hong Kong), SGD (Dollaru ta' Singapore), TRY (Lira Torka), KRW (Won tal-Korea ta' Isfel), SEK (Krona Żvediża), ZAR (Rand tal-Afrika t'Isfel), INR (Rupee Indjan), NOK (Krona Norveġiża), BRL (Real Brażiljan), AUD (Dollaru Awstraljan), DKK (Krona Daniża), BGN (Lev Bulgaru), HRK (Kuna Kroata).

EUR/USD, EUR/JPY, EUR/GBP, EUR/CHF, EUR/CAD, EUR/MXN, EUR/CNY, EUR/NZD, EUR/RUB EUR/HKD, EUR/SGD, EUR/TRY, EUR/KRW, EUR/SEK, EUR/ZAR, EUR/INR, EUR/NOK, EUR/BRL, EUR/AUD.

USD/JPY, USD/GBP, USD/AUD, USD/CAD, USD/CHF, USD/MXN, USD/CNY, USD/NZD, USD/RUB, USD/HKD, USD/SGD, USD/TRY, USD/KRW, USD/SEK, USD/ZAR, USD/INR, USD/NOK, USD/BRL, USD/DKK, USD/BGN, USD/HRK.

JPY/GBP, JPY/CAD, JPY/CHF, JPY/MXN, JPY/CNY, JPY/NZD, JPY/RUB, JPY/HKD, JPY/SGD, JPY/TRY, JPY/KRW, JPY/SEK, JPY/ZAR, JPY/INR, JPY/NOK, JPY/BRL, JPY/DKK, JPY/AUD, JPY/BGN, JPY/HRK.

GBP/AUD, GBP/CAD, GBP/CHF, GBP/MXN, GBP/CNY, GBP/NZD, GBP/RUB, GBP/HKD, GBP/SGD, GBP/TRY, GBP/KRW, GBP/SEK, GBP/ZAR, GBP/INR, GBP/NOK, GBP/BRL, GBP/DKK, GBP/BGN, GBP/HRK.

AUD/CAD, AUD/CHF, AUD/MXN, AUD/CNY, AUD/NZD, AUD/RUB, AUD/HKD, AUD/SGD, AUD/TRY, AUD/KRW, AUD/SEK, AUD/ZAR, AUD/INR, AUD/NOK, AUD/BRL.

CAD/CHF, CAD/MXN, CAD/CNY, CAD/NZD, CAD/RUB, CAD/HKD, CAD/SGD, CAD/TRY, CAD/KRW, CAD/SEK, CAD/ZAR, CAD/INR, CAD/NOK, CAD/BRL.

CHF/MXN, CHF/CNY, CHF/NZD, CHF/RUB, CHF/HKD, CHF/SGD, CHF/TRY CHF/KRW, CHF/SEK, CHF/ZAR, CHF/INR, CHF/NOK, CHF/BRL, CHF/DKK, CHF/BGN, CHF/HRK.

MXN/CNY, MXN/NZD, MXN/RUB, MXN/HKD, MXN/SGD, MXN/TRY, MXN/KRW, MXN/SEK, MXN/ZAR, MXN/INR, MXN/NOK, MXN/BRL.

CNY/NZD, CNY/RUB, CNY/HKD, CNY/SGD, CNY/TRY, CNY/KRW, CNY/SEK, CNY/ZAR, CNY/INR, CNY/NOK, CNY/BRL.

NZD/RUB, NZD/HKD, NZD/SGD, NZD/TRY, NZD/KRW, NZD/SEK, NZD/ZAR, NZD/INR, NZD/NOK, NZD/BRL.

RUB/HKD, RUB/SGD, RUB/TRY, RUB/KRW, RUB/SEK, RUB/ZAR, RUB/INR, RUB/NOK, RUB/BRL.

HKD/SGD, HKD/TRY, HKD/KRW, HKD/SEK, HKD/ZAR, HKD/INR, HKD/NOK HKD/BRL.

SGD/TRY, SGD/KRW, SGD/SEK, SGD/ZAR, SGD/INR, SGD/NOK, SGD/BRL.

TRY/KRW, TRY/SEK, TRY/ZAR, TRY/INR, TRY/NOK, TRY/BRL.

KRW/SEK, KRW/ZAR, KRW/INR, KRW/NOK, KRW/BRL.

SEK/ZAR, SEK/INR, SEK/NOK, SEK/BRL.

ZAR/INR, ZAR/NOK, ZAR/BRL.

INR/NOK, INR/BRL.

NOK/BRL.